# News Releases



## L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Diċembru tal-2023

NR 009/2024 Data tal-Ħruġ: 17 ta' Jannar 2024

*F'Diċembru 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet ta' 3.7 fil-mija, tnaqqis mir-rata ta' 3.9 fil-mija li kienet irreġistrata fix-xahar ta' qabel.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'Diċembru 2023, l-ogħla rati ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (9.5 fil-mija) u fl-Edukazzjoni (5.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-inqas rati annwali tal-inflazzjoni kienu fil-Komunikazzjoni (-9.4 fil-mija) u fit-Trasport (0.1 fil-mija) (Tabella nru 1).

### Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




Ċart nru 2 turi l-impatt irreġistrat mit-tnax-il taqsima tal-ECOICOP fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni għal kull taqsima. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont it-taqsima.

F'Diċembru tal-2023, l-akbar impatt pożittiv fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+1.69 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħaxix. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti pożittivi fuq l-inflazzjoni ġew innotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+0.64 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta' karburanti oħrajn (+0.53 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u fil-kirjiet, rispettivament (Ċart nru 2).

L-impatt negattiv fuq l-inflazzjoni annwali ġie rreġistrat fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.38 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl (Ċart nru 2).

### Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Diċembru 2023




Nota: Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumaturi ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Diċembru, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 3.7 fil-mija, 0.8 punti perċentwali aktar mir-rata ta' 2.9[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

### Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

Sors: NSO u Eurostat.